DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/731

tat-28 ta' Frar 2024

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) L-indoksakarb iddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk meqjus bħala approvat skont dak ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2018, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-applikazzjoni").

(3) Fit-12 ta' Novembru 2018, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ta' Franza infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tista', skont kif ikun xieraq, tirrikjedi lill-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jisboq il-180 jum b'kollox sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal min-natura tad-*data* rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tissottomettiha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1030 ([3]) pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 sat-30 ta' Ġunju 2022, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1287 ([4]) reġgħet ipposponiet l-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 għat-30 ta' Ġunju 2024.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1030 tal-21 ta' Ġunju 2019 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoxacarb għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 167, 24.6.2019, p. 32).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1287 tat-2 ta' Awwissu 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 279, 3.8.2021, p. 41).

(8) Fid-19 ta' Settembru 2023, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ta' Franza infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni ddewmet minħabba l-ħtieġa li tiġi vvalutata d-*data* dwar l-ispeċifikazzjonijiet ta' referenza u l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali. L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tistenna li se tissottometti r-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-Aġenzija fit-tieni trimestru tal-2024.

(9) Konsegwentement, minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk huwa xieraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex ikun jista' jiġi finalizzat l-eżami tal-applikazzjoni. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, u għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Diċembru 2026.

(10) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, l-indoksakarb jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-indoksakarb għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1287 hija posposta għall-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN